

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant għat-trade mark ikkontestata:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali "Bimbo" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 10 028 405

*Proċedimenti quddiem l-UASI:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-7 ta' Lulju 2015, fil-Każijiet magħquda R 2512/2013-4 u R 2549/2013-4

**Talbiet**

- tirriforma d-deċiżjoni kkontestata skont l-Artikolu 65(3) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, billi tiċħad l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 10 028 405 fil-klassi 28;
- sussidjarjament, u biss fil-każ li t-talba preċedenti tiġi miċħuda, tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż, skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali [ex Artikolu 87(2)].

**Motivi invokati**

- Ksur tar-Regola 19(1), (2) u (3) u tar-Regola 20(1) tar-Regolament Nru 2868/95;
- Ksur tal-Artikolu 64(1) tar-Regolament Nru 207/2009 u tal-ġurisprudenza relatata miegħu;
- Ksur tal-Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Settembru 2015 – Korea National Insurance Corporation  
Zweigniederlassung Deutschland a.o. vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-533/15)**

(2015/C 381/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Korea National Insurance Corporation Zweigniederlassung Deutschland (Hamburg, il-Ġermanja), Kim Il Su (Pyongyang, Ir-Repubblika tal-Korea), Kang Song Sam (Hamburg), Choe Chun Sik (Pyongyang), Sin Kyu Nam (Pyongyang), Pak Chun San (Pyongyang), So Tong Myong (Pyongyang) (rappreżentanti: M. Lester u S. Midwinter, Barristers, T. Brentnall u A. Stevenson, Solicitors)

*Konvenuti:* Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1066, tat-2 ta' Lulju 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2013/183/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (ĠU L 174, p. 25) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1062, tat-2 ta' Lulju 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (ĠU L 174, p. 16) sa fejn dawk il-miżuri huma intiżi li jinkluduhom fl-Anness V;
- tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li l-konvenuti naqqsu milli jagħtu raġunijiet adegwati jew suffiċjenti biex jinkludu r-rikorrenti.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq li l-konvenuti wettqu żball manifest meta kkunsidraw li xi wieħed mill-kriterji għall-elenkar fil-miżuri kkontestati kienu sodisfatti fil-każ tar-rikorrenti, ma hemmx bażi fattwali għall-inklużjoni tagħhom.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq li l-konvenuti kisru l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq li l-konvenuti kisru, mingħajr ġustifikazzjoni jew proporzjon, id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, inkluż id-dritt tagħhom għall-protezzjoni tal-proprjetà, tan-negozju u tar-reputazzjoni tagħhom.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Settembru 2015 – LLR-G5 vs UASI – Glycan Finance (SILICIUM ORGANIQUE G5 LLR-G5)**

**(Kawża T-539/15)**

(2015/C 381/61)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* LLR-G5 Ltd (Castlebar, l-Irlanda) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u H. Hartwig, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Glycan Finance Corp. Ltd (Sheffield, ir-Renju Unit)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant tat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrent

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva bil-kulur li tinkludi l-elementi verbali "SILICIUM ORGANIQUE G5 LLR-G5" – Applikazzjoni għal Trade mark Komunitarja Nru 10 424 703

*Proċedimenti quddiem l-UASI:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-11 ta' Ġunju 2015 fil-Każ R 2912014-1